**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 16 ta' Frar, 2021**

**Talba Nru: 316/2021MD**

**Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Rosella Casha (K.I. Nru: 477574M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Novembru, 2021[1] permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elfejn, seba mija u sebgha u disghin Euro u disgha u sebghin centezimu (€2,797.79) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kontijiet numru 1.11077874, 1.11077912, 1.11077913, u 5,10067.10.00.100001 fuq talba u a beneficcju tal-intimata; bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-fatturi[2] annessi mal-istess avviz.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 2 *et seq* tal-process.

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Buttigieg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici[3] fejn ikkonferma illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tat-18 ta' Jannar, 2022 u tas-27 ta' Jannar, 2022.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2022 u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih ghas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2022.

Ra x-xhieda ta' Dr. Mariah Mula[4], rapprezentanti tas-socjeta' attrici fejn ikkonfermat li l-ammont ta' elfejn, sebgha mija, sebgha u disghin Euro u disgha u sebghin centezimu (€2,797.97) ghadu dovut u ilu dovut mill-1 ta' Ottubru, 2021.

Ra li l-konvenuta giet iddikjarata li hija fi stat ta' kontumacja[5].

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-fatturi annessi mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut ghal-servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11077874, 1.11077912, 1.11077913, u 5,10067.10.00.100001 fuq talba u a beneficcju tal-konvenuta, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Buttigieg in rappresentanza tas-socjeta' attrici, u mix-xhieda ta' Dr. Marian Mula in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, sebgha mija, sebgha u disghin Ewro u disgha u sebghin centezimu (€2,797.79) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kontijiet numru 1.11077874, 1.11077912, 1.11077913, u 5,10067.10.00.100001 fuq talba u a beneficcju tal-konvenuta, bl-imghax mill-1 ta' Ottubru, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**
**Gudikatur**

[3] *A fol* 6 tal-process.
[4] *A fol* 12 tal-process; verbal datat 27 ta' Jannar, 2022
[5] *A fol* 12 tal-process; verbal datat 27 ta' Jannar, 2022